SANTA LUĊIJA

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 33-17**

**26 ta' Settembru 2017**

Il-Kunsilli Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-4.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Caroline Galea - Kunsilliera
Joe Bonello - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**33.1.1** Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Kunsilliera Caroline Galea ser tasal xi ftit tard.

**33.1.2 Kumment mis-Sindku dwar l-elezzjoni tal-President tar-Reġjun**
Fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku qal li xtaq jifraħ lill-Viċi Sindku u qal li għalkemm is-Sur Frederick Cutajar ma rebaħx din l-elezjoni għal vot wieħed biss, xtaq jifraħlu xorta waħda għar-riżultat miksub. Il-Viċi Sindku rringrazzja lis-Sindku tal-kummenti tiegħu.

**33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**33.2.1 CCTV Camera f'Wied Garnaw**
Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 32.2.1 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fir-rigward tas-CCTV Cameras li kellhom jeħlu fis-*subway*. Is-Sindku qal li Transport Malta qed jikkunsidraw it-talba tal-Kunsill.

**33.2.2 Ġieħ Santa Luċija**
Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 32.2.6 tal-laqgħa preċedenti u qal li kellu kuntatt ma' rappreżentant ta' Banda De Paule iżda baqa' ma kellux tweġiba dwar din il-proposta. Qamet diskussjoni u ġie deċiż li tittella' attivita fis-7 ta' Diċembru 2017. Huwa ppropona li l-Kunsill jixtri tinda li tkun tista' tintuża għal dawn l-attivitajiet.

**33.2.3 Talba għall-żbir ta' siġar**
Il-Kunsillier Liam Sciberras tkellem dwar l-eżerċizzju li għandu jsir fir-rigward ta' żbir ta' siġar. Ġie deċiż li għandu jsir *site meeting* ma' rappreżentanti tal-ELC Ltd u li l-Viċi Sindku flimkien mal-Kunsillier Liam Sciberras ser ikunu preżenti għal dan is-*site meeting*. Is-Sindku tkellem dwar il-bżonn li fil-Promenade f'Dawret it-Torri jinqagħlu l-pjanti tal-bajtar tax-xewk li qed jinfirxu f'din il-parti tal-Promenade u flokhom jinżraw il-fjuri.

**33.2.4 Attivita' Lets do it Malta**
Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 32.5.7 u qal li xtaq jgħid proset lis-Sinkdu u lir-Right 2 Smile għall-inizjattiva 'Lets do it Malta'. Ġie innutat li fil-Wied diġa kien hemm min rema' skart goff ħdejn l-iskip. Is-Sindku qal li dan l-iskart ikun fih fdalijiet li ġejjin minn kumpanija partikulari li topera f'Ħal Far. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tikteb f'dan ir-rigward.

**33.3 Affarijiet Finanżjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**33.3.1 Rapport Finanazjarju għat-tieni kwart tas-sena 2017**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport finanzjarju għal-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2017 u t-30 ta' Ġunju 2017. Hija qrat *overview* dwar l-andament tal-Kunsill għal dan il-perjodu. L-*accountant* tal-Kunsill tagħt spjegazzjoni tal-infiq u d-dħul tal-Kunsill u wieġbet għad-domandi tal-Kunsilliera. Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**33.3.2 Approvazzjoni għall-Xiri**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill kwotazzjonijiet għal xiri ta' *litter bins*. Il-Kunsill għażel żewġ tipi ta' *litter bins* u talab li jinġiebu kampjuni tagħhom ħalli l-Kunsill ikun jista' jarah qabel issir l-ordni ta' xiri. Il-Kunsill qabel li għandhom jinxtraw ħames *litter bins.* Il-Kunsill qabel li dawn il-*litter bins* għandhom jiġu nstallata tnejn f'Dawret it-Torri, tnejn fi Triq il-Prinjoli u wieħed fi Triq il-Ġilju.

**Nota 1 Il-Kunsilliera Galea waslet għall-laqgħa fil-5.25p.m.**

**33.3.3 Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM 33-17 għall-perjodu bejn is-17 ta' Awwissu 2017 u it-18 ta' Settembru 2017, minn *cheque* numru BOV6856 sa numru BOV6900.

**33.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**33.4.1 Laqgħa ma' l-Onor. Silvio Parnis**

Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħa li għaliha attendew hu flimkien mal-Viċi Sindku, il-Kunsillier Bonello u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li kienet laqgħa posittiva u ġew diskussi diversi temi skond Aġenda li ħejja l-Kunsill. Huwa qal li waqt il-laqgħa qamet il-problema tal-*Bus Terminus* u l-Kunsill ingħata parir li għandha ssir konsultazzjoni pubblika qabel tittieħed deċiżjoni finali. Il-Kunsill qabel li jikkommissjona kumpanija professjonali għal dan il-għan.

**33.4.2 European Week for Waste Reduction**

Il-Kunsill qabel li jipparteċipa fl-inizjattiva tal-European Week for Waste Reduction u qabel li jittella' seminar fi Ġnien is-Serenita' u jinvolvi l-iskola u d-Day Care Centre. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Liam Sciberras qablu li jieħdu sehem fil-kordinazzjoni ta' din l-inizjattiva.

**33.4.3 Measure 4.4**

Is-Sindku tkellem dwar is-sejħa għall-applikazjoni għal fondi, Measure 4.4 - Fondi għal manutenzjoni u bini ta' ħitan tas-sejjieħ. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandha ssir applikazzjoni biex issir manutenzjoni fuq il-ħitan tas-sejjiegħ ta' żewġ toroq f'Wied Garnaw. Is-Sindku qal li l-Kunsill huwa nfurmat li id-Dipartiment għax-Xogħolijiet għandu applikazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar biex ineħħu pjanti invażivi u jirrestawraw il-kanal tal-ġebel f'dan il-wied. Ix-xogħolijiet huma pjanati li jsiru fis-sajf tas-sena 2018.

**33.4.4 Marki tat-Toroq**

Is-Sindku ppropona li ssir revisjoni tal-marki li saru mill-Kunsill biex fuqhom jinħareġ l-iskart. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li l-marki msemmija jiġu biss *refreshed* u għandha titwaħħal tabella bil-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart fl-intrata ta' kull blokk ta' appartamenti. Il-Kunsill qabel ukoll li jsiru l-marki tat-toroq f'dawn it-toroq: Dawret it-Torri, Triq Prinjoli u Triq Katerina Vitale.

**33.4.5 Europe For Citizens Project – 2 Will**

Is-Sindku irrefera għat-tieni avveniment tal-proġett 2 Will li ser isir fil-Ġreċja. Il-Kunsill qabel li bħala Partners fuq dan il-Proġett għandu jipparteċipa. Il-Kunsilliera Liam Sciberras u l-Kunsillier Joseph Bonella ser jirrappreżentaw il-Kunsill fuq dan il-Proġett. Il-Kunsill qabel li jintraw il-biljetti tal-ajru u issir l-assigurazzjoni u tinħareġ *substance allowance* ta' 20% li parteċipanti.

**33.4.6 Xogħol fuq il-Ħitan tal-Pjazzez**

Is-Sindku tkellem fuq il-bżonn ta' manutenzjoni fuq il-ħitan tal-pjazez. Qamet diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandha ssir talba għall-ħaddiema tal-IPSL biex jagħmlu dan ix-xogħol.

**33.4.7 Cirk AKL 46-2017**

Saret referenza għaċ-Ċirkulari hawn fuq imsemmija u l-Kunsill unanimament qabel li jipparteċipa f'din l-inizjattiva li perezz tagħha l-*allowance* tal-membri tal-Kunsill titnaqqas bl-ammont ta' €2.33 fix-xahar li ser ikunu qed jingħataw f' donazzjoni lill-Istrina.

**33.4.8 Kunċert tal-Milied**

Is-Sindku qal li fiż-żmien tal-Milied is-Sotto-Kumitat Attivitajiet bħal kull sena ser jerġa jorganizza il-Kunċert bil-kor tat-tfal ta' Santa Luċija, Angelic Voices. Huwa qal li dawn it-tfal għandhom ikunu libsin l-istess u ppropona li l-Kunsill jixtri blouse u *scarf* biex jintlibsu waqt dan il-Kunċert li l-Kunsill jorganizza

kull sena. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li għandu jixtri dawn il-qomos u *scarfs* u li fuqhom għandu jkollhom l-emblema tal-Kunsill.

**33.4.9 G4S Contract Renewal**
Il-Kunsill qabel li jġedded il-kuntratt li għandu mal-G4S fir-rigward ta' servizz ta' Cash in Transit biex id-depositi ta' flus u ċekkijiet jitwasslu fil-banek mill-Group 4 Services bl-istess rata ta' €19.50+VAT kull trip għal kumplament tas-sena 2017 u bir-rata ta' €20.50 għas-sena 2018.

**33.4.10 Day Care Centre**
Is-Sindku nforma l-Kunsill li saret talba biex il-Kunsill jixtri *cooker* għad-Day Care Centre biex ikunu jistg]u jsiru aktar attivitajiet ta' tisjir għall-anzjani. Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet iġġib kwotazzjonijiet għal xiri ta' *cooker* tal-eletriku.

**33.4.11 Homework Club**
Is-Sindku qal li l-Fondazzjoni Right to Smile qed titlob li jkomplu bil-programm Homework Club għas-sena skolastika 2017-2018. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**33.4.12 Europe for Citizen Project – Cross Over**
Is-Sindku nforma li l-Kunsill ser ikun qed jipparteċipa bħala Partner fi Proġett bl-isem ta' Cross-Over taħt il-programm Europe for Citizens. Il-Kunsill ġie nfurmat li issa l-applikazzjoni għal dan il-Proġett saret u issa nistennew ir-riżultat.

**33.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
Ma saru ebda mistoqsijiet bil-miktub mill-Kunsilliera.

**33.6 Xogħolijiet fuq Gutters f'Dawret it-Torri u Triq Prinjoli**
Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill CCTV Report li sar fil-*gutters* f'Dawret it-Torri kantuniera ma' Triq Prinjoli. Huwa qal li jirriżulta li hemm ħsarat li jistu jtelfu mill-funzjoni ta' dawn il-*gutters*. Għandha tinġieb kwotazzjoni biex isir xogħol ta' manutenzjoni fuq dawn il-*gutters.*

**33.7 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**
Is-Sindku qal li l-pożizzjoni tal-Kunsill għada l-istess.

**Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**
Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 24 ta' Ottubru 2017 fl-4.30p.m.

Konfermati, illum it-Tieta, 24 ta' Ottubru 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Terrence Ellul**<br>**Sindku** | **Caroline Silvio**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |